**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat**

**Dr Rachel Montebello B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 113/2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nicholas Vella)**

**vs**

**OMISSIS**
**(ID: 111288M)**

**Illum, 14 ta' Marzu 2019**

**Il-Qorti,**

Rat illi l-imputata **OMISSIS**, detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 111288M giet akkuzata talli:

Nhar is-17 ta' Novembru 2017 u fil-gimghat u xhur ta' qabel, gewwa dawn il-gzejjer f'San Pawl il-Bahar, b'diversi atti maghmulin minnha, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ikkommettiet serq ta' flus ghad-detriment ta' Benedetto Attard ta' 85 sena u Teresa Attard ta' 84 sena u/jew persuni ohra liema serq huwa kkwalifikat bil-valur, bil-persuna u bil-lok.

Rat illi permezz ta' sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fit-2 ta' Awwissu 2018, l-imputata giet misjuba hatja fuq ammissjoni tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha;

Rat illi permezz ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-20 ta' Novembru 2018, l-imsemmija sentenza tat-2 ta' Awwissu 2018 giet annullata u l-atti gew rinvijati lil din il-Qorti sabiex il-kawza tigi trattata u deciza mill-gdid skont il-Ligi;

Rat illi permezz ta' digriet ta' assenjazzjoni datat 27 ta' Novembru 2018, din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta;

Rat illi fl-imsemmija sentenza taghha tal-20 ta' Novembru 2018, il-Qorti tal-Appell Kriminali filwaqt illi fissret li n-nullita` minnha ravvizata hija limitata biss ghas-sentenza b'dan illi kull parti ohra precedenti tal-procedura kontra l-imputata tibqa' mhux mittiefsa, qieset illi kull ma jrid isir minn din il-Qorti huwa li terga' tippronunzja s-sentenza billi ssegwi l-vot tal-Artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u xejn iktar, u ghal dan il-ghan l-imputata tpoggiet mill-gdid fil-pozizzjoni li kienet immedjatament qabel ma giet ippronunzjata s-sentenza tat-2 ta' Awwissu 2018.

Rat illi waqt l-udjenza tal-14 ta' Mejju 2018 quddiem din il-Qorti diversament preseduta, l-imputata kienet ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u affermat din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti wissietha bl-iktar mod solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik id-dikjarazzjoni ta' htija, kif ukoll wara li hija nghatat zmien xieraq sabiex jekk riedet, terga' lura minnha.

Rat illi fl-udjenza tal-24 ta' Jannar 2019 il-partijiet ezentaw lill-Qorti milli terga' tisma' mill-gdid ix-xhieda li ddeponew quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Rat ix-xhieda u l-provi kollha prodotti;

Rat l-atti kollha;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet waqt l-udjenza tal-24 ta' Jannar 2019;

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-imputata ammettiet ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha, cioe` ghall-imputazzjoni talli nhar is-17 ta' Novembru 2017 u fil-gimghat u xhur ta' qabel, f'San Pawl il-Bahar, b'diversi atti maghmulin minnha ukoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi jew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ikkomettiet serq ta' flus ghad-detriment ta' Benedetto Attard ta' 85 sena u Tereza Attard ta' 84 sena u/jew persuni ohra, liema serq huwa kwalifikat bil-valur, bil-persuna u bil-lok.

Ghaldaqstant, billi jirrizulta li din l-ammissjoni saret volontarjament u minghajr ebda rizerva, il-Qorti tqis li l-imputazzjoni giet debitament ippruvata u b'dan illi l-imputata ghandha tinsab hatja tal-istess imputazzjoni.

Ghall-fini tal-piena li ghandha tigi erogata mill-Qorti fuq dikjarazzjoni ta' htija tal-imputata, il-Qorti hadet diversi fatturi in konsiderazzjoni, fosthom il-gravita` indisputabbli tar-reati li taghhom l-imputata qed tinsab hatja, liema reati gew kommessi ghad-detriment ta' zewg persuni anzjani u vulnerabbli b'abbuz

sfaccjat da parti tal-imputata mill-pozizzjoni taghha ta' *helper* impjegata fir-residenza tal-imsemmija vittmi, kif ukoll b'abbuz tal-fiducja li jirrizulta manifestament li huma wrew fiha, liema fiducja hija del resto implicita f'din ix-xorta ta' impieg. Dan ir-reat twettaq meta b'mod sistematiku meta l-imputata serqet waqt il-hin tax-xoghol taghha u fil-post tal-impieg taghha, ammonti sostanzjali ta' flejjes kontanti mir-residenza tal-vittmi, liema flejjes jirrizulta li kellhom iservu proprju ghall-ghajxien tal-istess vittmi. Ghaldaqstant, ir-reat li tieghu l-imputata qieghda tinsab hatja ma huwa effettivament xejn ghajr sfruttament ta' persuni vulnerabbli li jimmerita sanzjonijiet li jirriflettu s-serjeta` tar-reat imwettaq.

Il-Qorti tqis illi dan l-agir kriminali huwa wiehed li ma jistax jigi tollerat, anke jekk minn dak li jirrizulta mir-Rapport tal-Probation Officer, il-Qorti hija konxja illi l-imputata, li hija *a single parent*, setghet kienet ghaddejja minn problemi finanzjarji u ghandha wkoll sfidi partikolari assocjati mat-trobbija ta' binha.

Ikkunsidrat;

Izda l-Qorti tqis ukoll illi l-mira tas-sanzjoni li ghandha tigi inflitta fuq l-imputata f'dan il-kaz ta' serq aggravat fuq persuni anzjani u dipendenti, ma ghandhiex tkun biss punittiva izda ghandha timmilita lejn ir-restituzzjoni u kumpens ghat-telf soffert mill-vittmi permezz ta' dan ir-reat.

Ghal dan il-fini, huwa mehtieg illi jigi stabbilit, dejjem entro l-parametri temporali tal-imputazzjoni kif dedotta fic-citazzjoni, l-ammont li l-imputata serqet ghad-detriment ta' Benedetto u Tereza Attard, sew ghall-finijiet tal-piena li ghandha tigi inflitta kif ukoll u b'mod iktar impellenti, sabiex il-Qorti tista' tordna r-restituzzjoni tieghu lill-vittmi.

Ikkunsidrat;

Kif inghad, l-imputata giet mixlija talli serqet flus ghad-detriment tal-vittmi msemmja, fis-17 ta' Novembru 2017 u fil-gimghat u xhur ta' qabel. Isegwi ghalhekk illi, kif impostata, l-imputazzjoni tirreferi ghal fatti li graw fil-17 ta' Novembru 2017 u fil-gimghat u xhur vicini ta' dik id-data. Ghalkemm l-imputazzjoni giet dedotta bhala reat kontinwat, liema kontinwita` jirrizulta kemm mill-provi li hemm fl-atti kif ukoll mill-ammissjoni tal-imputata, il-Qorti ma tqisx illi l-kuncett legali tal-kontinwita` tar-reat kontinwat jista' jestendi oltre l-parametri temporali espressament dedotti fl-akkuza u cioe` ghal fatti li jirreferu ghal zmien li jipprecedi z-zmien indikat.

Dan ghaliex huwa pacifiku fil-gurisprudenza illi l-Qorti ma tista' qatt issib htija dwar il-kummissjoni ta' xi reat li ikun sehh f'hin jew zmien iehor li mhuwiex dak indikat fl-akkuza[1]. Kif inhuwa risaput, iz-zmien huwa wiehed mic-cirkostanzi materjali u sostanzjali tal-kaz imressaq 'il quddiem mill-Prosekuzzjoni u l-indikazzjoni korretta taz-zmien hija indispensabbli biex il-persuna mharrka tkun taf x'inhuma l-fatti u thejji d-difiza taghha skont il-kaz.

Illi s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 360 tal-Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta jipprovdi li:

*Ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti ta' l-akkuza, bil-partikularitajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu*

[1] Ara **Il-Pulizija vs. John Mary Briffa**, deciza fit-18 ta' Ottubru 2005 mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Dan l-istess principju gie riaffermat mill-istess Qorti tal-Appell Kriminali f'diversi kawzi ohra inkluz dawk fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Warren Piscopo** u **Il-Pulizija vs. Rita Theuma**, it-tnejn decizi fid-19 ta' Ottubru 2011, u gie ribadit konsistentement mill-Qrati taghna: ara wkoll in propositu **Il-Pulizija vs Augistine Camilleri** deciza minn din il-Qorti diversament preseduta fit-8 ta' Frar 2010.

*jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw. Ghandu jkun fiha wkoll it-twissija li, jekk il-persuna mharrka tonqos li tidher, hija tigi arrestata b'mandat tal-qorti u mressqa quddiem l-istess qorti fil-jum li jkun imsemmi fil-mandat."*

Ikkunsidrat;

Illi, fil-kaz odjern, il-provi juru illi l-imputata kienet ilha impjegata mal-vittmi ghal kwazi tlett snin, izda ma jirrizultax illi Tereza Attard kienet ilha thoss in-nuqqas tal-flus qabel Ottubru 2016. Jirrizulta illi kien f'dan iz-zmien, cioe` Ottubru 2016 li Tereza Attard bdiet titlob b'mod regolari lill-membri tal-famija taghha jisilfulha somom ta' flus ghaliex il-flus kontanti li kienet iddahhal mill-hlas tal-kirjiet (li kienu jinzammu fil-kxaxen tal-cupboard hdejn il-pultruna taghha), ma baqghux iservuha ghall-ispejjez li qabel kienu jithallsu kollha minn dawk il-flejjes.

Dan ifisser illi ghalkemm mill-provi jirrizulta illi s-serq kien ilu jsir fuq firxa ta' iktar minn sena, iz-zmien indikat fl-akkuza jirreferi <u>ghal xhur u mhux snin</u>. Ghalkemm mhuwiex rikjest mil-ligi li fl-imputazzjoni il-Prosekuzzjoni tindika iz-zmien tal-allegat reat bi precizjoni matematika, huwa certament desiderabbli li jsir hekk, specjalment fejn, bhal fil-kaz odjern, jirrizulta proprju mir-rapport originali illi s-serq seta' kien ilu jsir fuq medda ta' kwazi tliet snin[2].

Il-Qorti tqis illi fl-imputazzjoni odjerna, ghalkemm bl-uzu tal-kelma "gimghat" jinghata x'jifhem li l-fatti li ghalihom tirreferi l-imputazzjoni sehhew fl-erba' gimghat precedenti ghad-data indikata tas-17 ta' Novembru 2017, bl-uzu tal-plural fil-kelma "xhur" l-ispazju temporali tal-fatti li ghalihom tirreferi l-imputazzjoni gie estiz ghal diversi xhur ohra. Il-Qorti pero` tqis illi l-parametri tal-kelma "xhur", b'mod generali ghandhom ifissru "dawk il-ftit xhur" qabel id-

[2] Vide fol. 18.

data specifikata u ma jistghu qatt jiggebbdu biex jinkludu fihom fatti li jkunu sehhew sa tnax-il xahar jew iktar, qabel.

Illi fix-xhieda taghha, Tereza Attard ma indikatx bi precizjoni kemm kienet ilha ssib flus neqsin, izda galadarba l-imputata ammettiet bla rizerva ghall-akkuzi kif dedotti, liema akkuzi jirreferu ghall-gimghat u xhur qabel is-17 ta' Novembru 2017, ghall-Qorti l-ammissjoni tal-imputata tfisser illi hija ammettiet li serqet lil Tereza u Benedetto konjugi Gauci mhux biss fis-17 ta' Novembru 2017 izda wkoll fil-gimghat u xhur ta' qabel u, ferm il-konsiderazzjonijiet appena maghmulin, il-Qorti tqis illi ma jistghux jidhlu fl-iskop tal-kliem "fix-xhur ta' qabel", dawk ix-xhur tas-sena ta' qabel id-data espressament msemmija fl-imputazzjoni. Ghaldaqstant, ghall-fini tal-parametri indikati fl-imputazzjoni odjerna ser tinsab htija limitatament ghal dak is-serq li jmur lura biss sa Jannar 2017 u mhux qabel. Il-korollarju ta' dan huwa illi ghall-fini li jigi stabbilit il-quantum tal-kumpens li ghandha tigi ordnata thallas lill-vittmi, il-Qorti mhijiex sejra tqis il-flus li jista' jirrizulta li nsteraq qabel Jannar tas-sena 2017.

Ikkunsidrat;

Ghalhekk il-Qorti ghall-finijiet tar-restituzzjoni tal-flus misruqa, trid necessarjament tanalizza r-rizultanzi tal-provi sabiex tistabbilixxi l-ammont tat-telf soffert mill-vittmi ta' dan ir-reat fl-imsemmi perijodu bejn Jannar u Novembru 2017, u dan ghall-finijiet tal-ordni li tqis li ghandha taghmel a tenur tal-Artikolu 257D(2) tal-Kapitolu 9.

Ix-xhud Anton Cortis esebixxa zewg dokumenti Dok. AC u Dok. AC1, li jikkonsistu f'rendikont li sar mill-istess xhud u minn martu Moira Cortis (li wkoll konfermat il-kontenut tal-imsemmija dokumenti) tal-flus percepiti mill-vittmi mill-hlas tal-kirjiet u pensjonijiet (li kienu jinzammu in kontanti fir-residenza tal-istess vittmi), kif ukoll tal-flus li Tereza Attard kienet bdiet titlob

lill-imsemmija xiehda biex tlahhaq mal-ispejjez meta sabet illi l-flus kontanti bdew ma jservuhiex ghall-hajja. Minn dawn iz-zewg dokumenti jirrizulta illi bejn Jannar 2017 u Novembru 2017, huma silfuha s-somma komplessiva ta' €9,900 biex tlahhaq mal-ispejjez tal-hajja ghaliex il-flus kontanti kienu bin-nieqes.

Jirrizulta illi din l-imsemmija somma ta' €9,900 kellha tigi sborsata biex tkopri l-ispejjez tal-hajja li qabel kienu jithallsu *in toto* mill-flus kontanti mizmumin fil-kexxun in kwistjoni, liema flus kellu jkun disponibbli lill-vittmi izda ma kienx. Ghall-Qorti dan ifisser illi mis-somma totali tad-dhul li percepixxu l-vittmi fi flus kontanti fil-perijodu in kwistjoni, is-somma ta' €9,900 giet definittivament nieqsa proprju ghaliex dan il-flus gie fornut mill-familja tal-vittmi ghaliex ma kienx instab bizzejjed flus biex isiru l-hlasijiet mehtiega.

Izda dan ma jfissirx illi l-imputata serqet ukoll il-kumplament kollu tal-flus kontanti li kienu jircievu l-vittmi bhala dhul fil-perijodu bejn Jannar u Novembru 2017. F'dan il-perijodu, jirrizulta illi d-dhul totali li gie percepit mill-vittmi u kien jinzamm fil-kexxun in kwistjoni, kien fis-somma ta' €26,520[3]. Kif inghad, is-somma ta' €9,900 giet definittivament nieqsa, izda ma hemm ebda prova li l-bqija tal-flus, fis-somma ta' €16,620 insterqu, anzi dan huwa eskluz mill-provi.

Fir-rigward, il-Qorti tosserva illi ebda wiehed mix-xhieda li ddeponew fl-atti ma xehdu li qatt ma nstab ebda flus fil-kexxun fil-perijodu in kwistjoni, jew li l-flus kollha gejjin mid-dhul, insterqu. Il-vittma Tereza Attard fl-ebda waqt ma qalet illi sabet il-kexxun tal-flus vojt <u>kull darba</u> li marret tiehu xi flus minn hemm. Pjuttost il-kuntrarju: il-vittma, meta spjegat illi bdiet tinduna li l-flus kontanti li kienet izzomm fil-kexxun ma kienux qed iservuha ghall-hajja, fissret illi: "*<u>Sakemm kont insib</u> ma kontx qed nirrejalizza, sakemm imbaghad tfaccat il-*

[3] Vide Dok. AC.

*bicca xoghol tal-camera.*"[4] Anke Moira Cortis xehdet li ommha "*kienet qieghda tghidilna li mhux qed iservuha l-flus*": konferma cara li flus kien hemm, izda mhux daqskemm suppost. Meta giet mistoqsija specifikatament mill-Qorti jekk jirrizultalhomx kemm naqsu flejjes, Moira Cortis wiegbet li ma tistax tghid.

Ikkunsidrat;

Jirrizulta illi mill-flus kontanti li kienu jinzammu fil-kxaxen tal-cupboard in kwistjoni, il-vittmi kienu jhallsu l-ispejjez kollha tal-hajja, inkluz xirjiet ghal tlieta min-nies, kif ukoll ghax-xiri tar-regali ghall-familja. Ghalkemm skont Moira Cortis is-salarju tal-*live in carer* ta' nazzjonalita` Filippina li tghix mal-vittmi, kif ukoll il-kontijiet tad-dawl u l-ilma inkluzi tal-fondi mikrijin, kienu jithallsu permezz ta' *cheque*, ma jirrizultax minn fejn finalment dan il-flus kien jinhareg, jekk hux mill-flus kontanti jew flus go xi kont bankjarju. Fir-rigward, Anton Cortis xehed illi ghalkemm il-vittmi ghandhom kont bankarju, huma ma juzawhx[5]. Il-Qorti tosserva wkoll illi Tereza Attard xehdet illi anke c-*cheques* tal-pensjoni kienu jigu msarrfin minn bintha li kienet iggibhomlha kontanti biex izzommhom id-dar.[6]

Fuq kollox izda, jirrizulta illi l-flus li kien hemm fid-dar kienu jigu amministrati direttament minn Tereza Attard[7] illi, madanakollu, ma xehtet l-ebda dawl kwalsiasi fuq dawk l-ispejjez li kienet thallas mill-flus li kienu jinzammu fid-dar. Billi lanqas ma jirrizulta kif kien jithallas il-flus ghas-servizzi tal-imputata, il-Qorti lanqas sejra teskludi li kienu jithallsu wkoll spejjez ohrajn minn dawk li semmiet Moira Cortis mill-flus li kien jinzamm fir-residenza tal-vittmi. Wara kollox, kull dubju ghandu jmur favur l-imputata.

Tereza Attard xehdet ukoll hekk fir-rigward:-

---

[4] Vide fol .95
[5] Ara xhieda a fol. 31
[6] Fol. 95
[7] Ara xhieda a fol. 50.

*"Ma nafx ezatt kemm kont nuza ghall-hajja ghax sakemm kienu qed iservuni ma kontx noqghod naghti kaz…"*[8]

Il-Qorti wara li fliet l-atti u l-provi, tqis illi l-kumpens li ghandu jithallas lura lill-vittmi f'dan il-kaz in linea ta' restituzzjoni tal-flus misruqin mill-imputata bejn ix-xhur ta' Jannar 2017 u Novembru 2017, ghandu jigi stabbilit fis-somma komplessiva ta' hmistax-il elf Ewro (€15,000).

Ikkunsidrat;

Il-Qorti tqis illi huwa mehtieg f'dan il-kaz partikolari, illi l-piena li ghandha tigi erogata ma ghandhiex ixxekkel jew tfixkel il-hlas li ghandu jsir mill-imputata lill-vittmi in linea ta' kumpens ghat-telf li soffrew. Konformement, il-Qorti tqis illi piena karcerarja mhijiex idonea fic-cirkostanzi ghaliex hekk l-imputata ma tkunx tista' tkompli tahdem biex mid-dhul taghha thallas il-kumpens li sejra tigi ordnata thallas lill-vittmi.

Billi kif stabbilit, l-ammont misruq jeccedi bil-bosta s-somma ta' tlett elef Ewro (€3,000) imsemmija fl-Artikolu 257D(1) tal-Kapitolu 9, il-piena stabbilita ghal dan ir-reat li tieghu l-imputata qed tinsab hatja, hija ta' prigunerija minn sentejn ghal disa' snin. Ghalhekk, filwaqt illi d-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 difficilment jistghu jsibu riskontru tenut kont tal-ammont sostanzjali li jirrizulta li l-imputata serqet mill-vittmi fil-perijodu in kwistjoni, il-Qorti wara li hadet in konsiderazzjoni wkoll ir-rakkomandazzjonijiet li saru mill-Probation Officer fil-*pre sentencing report*[9] ipprezentat fl-atti, tqis illi l-iktar sanzjoni xierqa li tista' tigi imposta fic-cirkostanzi, hija l-hrug ta' Ordni ta' Probation fil-konfront tal-imputata.

[8] Xhieda tad-9 ta' April 2018.
[9] Dok. MF a fol., 106 *et seq*.

Ghalkemm f'dan il-kaz kif inghad, il-piena erogabbli ghar-reat li tieghu l-imputata qed tinsab hatja mehud qies tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 257D(1)(a), jeccedi seba' snin prigunerija, il-Qorti hija tal-fehma illi t-tqeghid tal-imputata taht ordni ta' Probation hija l-iktar sanzjoni idonea fic-cirkostanzi ghaliex filwaqt li din tippermetti lill-imputata li tkompli tahdem biex mill-qligh taghha tikkumpensa lill-vittmi, isservi wkoll bhala mezz ghar-rijabilitazzjoni tal-imputata biex minflok terga' taqbad it-triq tal-kriminalita`, tifforma ruhha. Dawn ic-cirkostanzi, fil-fehma tal-Qorti, jimmeritaw it-tqeghid tal-imputata taht ordni ta' Probation ghall-finijiet tal-ewwel proviso tal-Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara kollox, huwa evidenti wkoll illi l-imputata thoss soghba kbira ghal eghmilha u tixtieq turi din is-soghba billi thallas lura lill-vittmi. Il-Qorti mhjiex sejra ccahhad lill-imputata minn din l-opportunita` li taghmel tajjeb ghal eghmilha u lanqas sejra ccahhad lill-vittmi mill-opportunita` li jithallsu lura dak li gie lilhom misruq.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 18, 261(c)(d) u (e), 267, 268, 269(g), 280(1) u 257D(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lil **OMISSIS** hatja tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront taghha, izda bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tqieghed lill-istess **OMISSIS** taht Ordni ta' Probation ghal perijodu ta' tliet (3) snin.

Il-Qorti fissret lill-hatja, bi kliem li hija tifhem, x'ikun l-effett tal-ordni, u li jekk hija tonqos milli tikkonforma ruhha maghha jew taghmel xi reat iehor, tista' tingħata sentenza ghar-reat originali, u l-hatja esprimiet ir-rieda taghha li tikkonforma mal-htigijiet ta' din l-ordni.

Inoltre, ai termini tal-Artikolu 257D(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Artikolu 24 tal-Kapitolu 446, tordna lill-imputata thallas lil Benedetto Attard u Teresa Attard is-somma ta' hmistax-il elf Ewro (€15,000) liema somma qed tigi stabbilita bhala kumpens ghat-telf soffert minnhom permezz tar-reat li l-imputata qed tinsab hatja tieghu. Din is-somma ta' €15,000 ghandha tithallas lill-konjugi Attard sa mhux iktar tard minn sentejn mil-lum, b'mod rateali. Dan l-ordni jikkostitwixxi titolu ezekuttiv ghall-finijiet u effetti kollha tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta).

Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9, il-Qorti qed tordna lill-imputata li thallas lir-Registratur tal-Qorti is-somma ta' sitt mija u sittin Euro u wiehed u tmenin centezmu (€660.81) rapprezentanti spejjez imhallsin lill-esperti nominati f'dawn il-proceduri.

Tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation u Parole.

Tordna li l-atti, flimkien ma' kopja ta' din is-sentenza jigu mibghuta lill-Avukat Generali fi zmien sitt ijiem tax-xoghol.

**Dr. Rachel Montebello**

**Magistrat**